# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Gimgha 11 ta' Jannar 2002

Citazzjoni numru 133/97 AJM

Kawza numru

Formosa & Camilleri Ltd. Bhala agenti Malta tas-socjeta' Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Michael Attard Limited

Vs

Seamalta Company Limited u The Cargo Handling Company Limited

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fil-21 ta' Jannar 1997 li permezz taghha s-socjeta' attrici wara li ppremettiet illi fis-6 ta' Frar 1996 is-socjeta' Michael Attard Ltd importat gewwa Malta fuq il-bastiment M.V. Pinto konsenja ta' 6 cases spare parts; illi l-konsenja giet konsenjata lill-assikurat ta' l-attur bid-danni spejgati fid-dokument A rizultanti minn "wettage"; illi ai termini tal-polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assikurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assikurat tieghu tad-danni li

sofra u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assikurat; illi l-attur jikkwantifika id-danni fil-merkanzija de quo fl-ammont ta'tlett mija tnejn u sittin lira maltin u tlettin centezimu (LM362.30) li maghhhom jizdied l-ammont ta' si'ta u hamsin lira (LM56) bhala survey fee ghalhekk danni totali sofferti mill-attur fl-ammont ta' erbgha mija u tmintax-il lira u tlettin centezimu (LM418.30); illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni fil-merkanzija tal-assikurat ta' l-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur;
2. tillikiwda d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' LM418.30;
3. tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma imsemmija bhala danni sofferti mill-attur.

Bl-ispejjes u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tas-socjeta Seamalta Co.Ltd presentata fit-30 ta' Settembru 1997 li permezz taghha eccepiet:-

1. Fl-ewwel lok in-nullita' tac-citazzjoni peress li giet intavolata quddiem qorti li ma ghadhiex il-kompetenza mehtiega ghas-smiegh tat-talbiet attrici.
2. In-nuqqas ta' responsabbilita' tas-socjeta' Seamalta peress illi ma saru ebda danni lill-merkanzija filwaqt li l-istess merkanzija kienet f'idejn is-socjeta' Seamalta.
3. Illi fi kwalunkwe kaz id-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally sheet relevanti

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda ta' Seamalta Co. Ltd.

Rat in-nota tas-socjeta' The Cargo Handling Co. Ltd presentata fit-2 ta' Ottubru 1997 li permezz taghha eccepiet:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija 'de quo' nizlet minn fuq il-vapur f'Open Mafi Trailer No. 2017 espost ghall-elementi naturali.
2. Illi ghandha tigi ezebit l-polza ta' assikurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat li sar il-hlas lill-importatur u ghandu jigi ezebit ukoll ic-cheque li bih sar il-pagament.
3. Illi ghandu jigi pruvat kif l-attur wasal ghall-ammont ta' LM363.30 bhala allegati danni.
4. Illi ebda survey fees ma huma dovuti stante li s-survey sar biex jissodisfa l-interessi tas-socjeta' attrici biss u li s-socjeta' konvenuta qua depozitarja ma ghandha l-ebda obbligu legali impost fuqha li taghmel l-istess.
5. Illi dwar l-imghaxijiet jigi eccepit li dina titratta dwar kawza ta' danni u l-ammont ta' likwidanzi (?) jista jigi stabbilit biss minn dina l-Qorti u ghal din ir-raguni l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data tas-sentenza.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-iehda u d-dokumenti ezebiti mill-Cargo Handling.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-27 ta' Novembru 1997 ta' din il-Qorti diversament preseduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tat-23 ta' Frar 1998 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tat-23 ta' Frar 1998 meta s-socjeta' Seamalta Co. Ltd irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha.

Hadet konjizzjoni tal-provi.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-11 ta' Gunju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-senetnza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Is-socjeta' attrici qedha titlob risarciment ta' ammont minnha mhallas lill-assikurat taghha in konsegwenza ta' "claim" fuq polza ta' assikurazzjoni mahruga mill-istess socjeta' attrici in konnessjoni mat-trasport ta' merkanzija li giet importata hawn Malta fuq il-bastiment Pinto fis-6 ta' Frar 1996. Il-claim kienet konsegwenza ta' danni sofferti mill-assikurat is-socjeta' Michael Attard billi dawn sabu li parti mill-merkanzija importata, konsistenti f'"bonnets" ghall-vetturi Peugeot, garalhom hsara. Barra minn hekk is-socjeta' attrici qedha ukoll titlob rimbors ghall-ispejjes inkorsi minnha sabiex sar survey fuq din il-merkanzija.

It-talba hija indirizzata sew lejn il-"carrier" li gar il-merkanzija kif ukoll kontra s-socjeta' The Cargo Handling li kienet responsabbli ghall-istess meta din giet sbarkata minn abbord u sakemm kienet kkonsenjata lis-socjeta' importatrici.

In sosetnn tat-talba tieghu l-attur ppresenta diversi dokumenti bhal ma huma survey li sar fuq il-merkanzija, korrispondenza li ghaddiet bejn is-socjeta' importatrici u l-konvenuti meta dawn gew mizmuma responsabbli ghall-akkadut, id-dokument tas-surroga bhala rizultat tal-hlas, il-Gate Pass Out rilaxxata mill-Ports Directorate u dokumentazzjoni dwar l-merkanzija u l-valur taghha.

Ma jidhirx li hu kkontestat li s-socjeta' attrici hallset l-'claim' li saritilha, ghalkemm is-socjeta' The Cargo Handling tenniet fin-nota tal-eccezzjonijiet li trid issir din il-prova. Din il-Qorti izda hija sodisfatta li l-pagament sar u li kien hemm relazzjoni kuntrattwali naxxenti minn polza ta' assikurazzjoni bejn s-socjeta' attrici u d-ditta Michael Attard. Altrimenti ebda pagament ma kien jsir. Izda l-pagament fih innifsu ma jintitolax lill-attur li jigi indenizzat minn xi wiehed mill-konvenuti. Dan jrid mhux biss jipprova li l-hsara grat waqt li l-merkanzija kienet f'idejn u taht il-kontrol ta' xi wiehed mill-konvenuti, izda jrid juri ukoll min minn dawn kien responsabbli ghal din il-hsara u f'kaz li kien hemm responsabbilita' taz-zewg konvenuti, il-proporzjoni bejniethom.

Issa mid-dokuemnti ezebiti u senjatament il-Gate Pass out kull ma jirrizulta hu li "Contents loaded in 6 cases which are all externally wet." Is-surveyor li ezamina din il-merkanzija filwaqt li qal li l-'bonnets' kellhom diversi 'dents', spjega, b'mod kemm xejn superficjali, li dan gara ghaliex l-packaging tal-'cardboard' kien imxarrab u ghalhekk ma kienx hemm packaging adegwat. Li store keeper tas-socjeta' Michael Attard, filwaqt li xhed li dawn il-parts kienu gewwa kaxxex kbar tal-injam spjega li din il-kaxxa kienet miksura b'mod tali li mill-ewwel tinduna u li l-merkanzija kienet "mghafgin wisq".

It-tally ta’ meta giet sbarkata l-merkanzija la turi li kien hemm tixrib u lanqas li kien hemm hsara fil-merkanzija. Dan ghalhekk certament jiskolpa lis-socjeta’ Seamalta. Izda lanqas ma tista’ din il-Qorti izzom responsabbli lis-socjeta’ The Cargo Handling billi t-tixrib fil-packaging mhux necessarjament prova ta’ hsara fil-merkanzija, specjalment meta wiehed jikkonsidra li din il-merkanzija mhux xi haga fragili izda tal-metal u l-hsara “kbira” kif deskritta mill-istore keeper ma tirrizultax fil-Gate Pass Out u setghet facilment grat “in transit” bejn il-Port u l-mahzen tas-socjeta’ Michael Attard. Dan pero’ mhux bil-fors. Zgur hu li ma hemmx prova li l-hsara allegata grat waqt li l-merkanzija kienet f’idejn s-socjeta’ The Cargo Handling.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-attur.

Onor Imhallef Albert J. Magri